MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 611/2012

**Rosario sive Louis Ellul u martu Mario Ellul u l-Avukat Tonio Cachia u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli**

**Vs**

**Ir-Registratur tal-Qrati Civili u Ta' Dernis Limited**

Permezz ta' rikors prezentat fl-14 ta' Gunju 2012 ir-rikorrenti qeghdin jitolbu, ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12, ritassa mit-taxxa li ghamel l-intimat Registratur fl-14 ta' Mejju 2012 fir-rigward tal-kawza **Ta' Dernis Limited vs Rosario sive Louis u Marion Ellul** (Rikors 1189/2010MCH). Ir-rikorrenti jsostnu li d-drittijiet tal-avukat u prokurtur legali ma gewx intaxxati *ad valorem*.

Ghalhekk ghamlu dawn il-proceduri sabiex il-qorti tordna lir-Registratur biex johrog taxxa gdida li tkun konformi ma' dak li jipprovdu paragrafi 13, 14, 30 u 40 tat-Tariffa E fi Skeda 1 tal-Kap. 12.

Jirrizulta li fil-kawza fuq imsemmija Ta' Dernis Limited talbet li l-konjugi Ellul jigu kkundannati jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' xiri tal-appartament B numru 9, u li jinsab fit-tielet sular fi Triq Filippu Farrugia, Zurrieq. Il-bejgh kellu jsir ghall-prezz ta' €85,002. Dik il-kawza giet ceduta u fl-14 ta' Mejju 2012 ir-Registratur hareg taxxa fejn id-dritt tal-avukat gie dikjarat li hu €248.47 u d-dritt tal-prokuratur legali €82.82.

L-intimata Ta' Dernis Limited ma wegbitx.

L-intimat l-iehor wiegeb:

1. Li t-taxxa m'hijiex korretta in kwantu d-dritt hu ta' €248.47. Skond il-ligi d-dritt kellu jigi ntaxxat ad valorem fuq l-ammont dikjarat fil-konvenju ossia €85,000 li allura jigi €1,397. Hemm zewg talbiet ohra li jistghu jigu ntaxxati €50 kull wahda. B'hekk it-total jigi €1,497. Stante li din il-kawza giet ceduta allura t-taxxa tigi zewg terzi, cjoe' €998.
2. M'ghandux ibaghati spejjez ghaliex il-proceduri kienu intempestivi peress li seta' dejjem kien lest jiddiskuti l-mod ta' kif inhadmet it-taxxa, u ma kienx gie avvicinat qabel saru l-proceduri.

Id-dikjarazzjoni tar-Registratur hi fiha nnifisha ammissjoni li t-taxxa tal-14 ta' Mejju 2012 hi skorretta. Fil-fehma tal-qorti r-rikorrenti m'ghandhomx jehlu spejjez ta' dawn il-proceduri, in kwantu ma kellhom l-ebda obbligu li qabel jaghmlu l-proceduri jikkomunikaw mar-Registratur u jilmentaw dwar it-taxxa. Hi l-ligi stess li tipprovdi kif min ghandu nteress jista' jikkontesta taxxa tar-Registratur. Dan apparti li ma jkunx gust li r-rikorrenti jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ghas-semplici raguni li segwew procedura li tikkontempla l-ligi. Sahansitra f'nota prezentata fit-22 ta' Awwissu 2012 gie ddikjarat:-

*“Illi bla hsara ghas-suespost, fir-rigward ta’ dak indikat fit-tieni paragrafu tar-risposta tar-Registratur jinghad li l-avukat sottofirmat gie infurmat li l-korrezzjoni setghet issir biss in segwitu ghal nota ffirmata mill-avukati taz-zewg partijiet. Minkejja li gie avvicinat, l-Avukat Etienne Calleja ma ffirmax tali nota, u peress li kien ghaddej iz-zmien u wasal biex jiskadi t-terminu stipulat fl-Artikolu 64 tal-Kap. 12, l-esponenti ma kellhom ebda ghazla hlief li jintavolaw dawn il-proceduri, li incidentalment gew ipprezentati fl-ahhar gurnata disponibbli.”*.

Dikjarazzjoni li giet konfermata bil-gurament mill-avukat Dr Tonio Cachia u mhux kontradetta.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili sabiex jintaxxa mill-gdid il-kawza Ta’ Dernis Limited vs Rosario sive Louis u Marion Ellul (Rikors 1189/2010MCH). Spejjez a karigu tar-Registratur tal-Qrati Civili**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------